**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM***
**U L-ISKOLA SEKONDARJA 2010**

Direttorat għall-Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**Il-Ħames Sena STUDJI SOĊJALI (Option) ĦIN: Siegħa u Tliet Kwarti**

**Isem: ______________________________ Klassi: ____________**

**Din il-karta tal-eżami fiha TLIET Taqsimiet (A, B u Ċ). L-istudenti jridu jwieġbu t-Taqsimiet KOLLHA. Il-marki għal kull Taqsima jidhru bejn il-parentesi.**

**Taqsima A**

**Aqra sew din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA li ġejjin:**

*Id-diskriminazzjoni u l-inġustizzja huma kawżi kbar ta' faqar fid-dinja. Li jkun żgurat li n-nisa u l-irġiel ikollhom l-istess drittijiet hija parti importanti ħafna mix-xogħol li jagħmlu ħafna organizzazzjonijiet fid-dinja. Għaliex l-ugwaljanza għan-nisa? X'aktarx li persuna tkun ifqar jekk tkun mara. U jekk tkun mara – skont ir-riċerka – x'aktarx li din tkun qed tagħmel il-parti l-kbira tax-xogħol. Iżda din id-diskriminazzjoni ma tibdiex minn hemm – fil-fatt din tibda ħafna aktar qabel. F'ħafna partijiet tad-dinja, il-bniet ta' spiss jiġu mċaħħda l-aċċess għall-edukazzjoni, għas-saħħa u għall-ikel sa minn twelidhom.*

*B'mod globali, il-fatti juru li n-nisa qed ikunu ttrattati verament ħażin:*

- *L-edukazzjoni – żewġ-terzi tat-tfal kollha li qed jiġu mċaħħda l-iskola huma bniet.*
- *Ix-xogħol – in-nisa jaqalgħu biss 10% tad-dħul globali, iżda jaħdmu żewġ-terzi mis-sigħat ta' xogħol fid-dinja.*
- *Il-welfare – il-vjolenza domestika hija l-ikbar kawża ta' periklu u ta' mewt għan-nisa madwar id-dinja.*
- *Id-demokrazija – in-nisa jokkupaw biss 14% tas-siġġijiet parlamentari madwar id-dinja.*

*Il-faqar ifisser nuqqas ta' opportunitajiet u setgħa, kif ukoll li persuna jkollha nuqqas ta' ċerti affarijiet essenzjali li jgħinuha tgħix ħajja diċenti. Dawn l-affarijiet jistgħu jkunu relatati, iżda l-attitudnijiet tradizzjonali li jillimitaw l-influwenza tan-nisa fuq x'jiġri f'ħajjithom – u fil-komunitajiet tagħhom – juru li b'mod ġenerali dawn huma l-iktar persuni li jbatu l-faqar.*

*Diversi komunitajiet qed imexxu 'l quddiem dan il-moviment ta' ugwaljanza bejn is-sessi billi juru l-opinjonijiet tagħhom u billi jitolbu li ssir ġustizzja. Iżda ħafna jafu li ma teżisti l-ebda triq faċli biex titneħħa kompletament id-diskriminazzjoni ta' bejn is-sessi.*

Adattat minn artiklu ppubblikat fuq il-websajt ta' Oxfam (2008)

**Mistoqsijiet**:

1. Għaliex id-diskriminazzjoni u l-inġustizzja huma *kawżi kbar ta' faqar fid-dinja kollha*? Barra r-raġunijiet imsemmija fis-silta, semmi **ŻEWĠ** eżempji oħra ta' kif id-diskriminazzjoni u l-inġustizzja jistgħu jkunu kawżi ta' faqar. (3,2)

2. Semmi **ŻEWĠ** pajjiżi fid-dinja fejn *ħafna drabi l-bniet jiġu mċaħħda l-aċċess għall-edukazzjoni, għas-saħħa u għall-ikel sa minn twelidhom*. Fit-tweġiba tiegħek semmi **ŻEWĠ** effetti li sitwazzjoni bħal din jista' jkollha fuq l-ekonomija ta' pajjiż. (2,2)
3. Fil-prattika x'iridu jagħmlu l-gvernijiet tad-dinja biex joħolqu aktar ġustizzja bejn is-sessi f'pajjiżhom? Wieġeb il-mistoqsija billi tagħti **TLIET** eżempji. (2,2,2)
4. Lejn l-aħħar tas-silta, l-awtur isemmi l-faqar. Agħti u spjega **ŻEWĠ** eżempji ta' faqar modern f'Malta. (2,2)
5. Semmi u ddeskrivi **ŻEWĠ** organizzazzjonijiet f'Malta li jaħdmu favur l-ugwaljanza ta' bejn is-sessi. (2,2)
6. Agħti u spjega **ŻEWĠ** eżempji ta' kif l-iktar pajjiżi sinjuri tad-dinja jistgħu jgħinu sabiex itaffu l-problema tal-faqar globali. (2,2)
7. Fl-aħħar tas-silta, l-awtur jgħid li *ħafna jafu li ma teżisti l-ebda triq faċli biex titneħħa kompletament id-diskriminazzjoni ta' bejn is-sessi*. Għaliex l-awtur jgħid hekk? (4)
8. Semmi u ddeskrivi qasam partikolari **WIEĦED** minn Malta fejn il-preżenza tan-nisa qabżet sew dik tal-irġiel. (4)

**TOTAL: 35 marka**

**Taqsima B**

**Aqra sew din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA li ġejjin:**

*L-Ewropa qed tpoġġi fil-periklu il-ftehim globali dwar il-klima u qed thedded il-ħajja ta' miljuni tal-ifqar persuni fid-dinja, saħqet l-aġenzija internazzjonali dwar l-iżvilupp Oxfam, hekk kif il-Ministri għall-Ambjent dan l-aħħar iltaqgħu sabiex jilħqu ftehim globali dwar il-pożizzjoni tal-Ewropa għal wara s-sena 2012. Il-Ministri għall-Ambjent tal-UE ma rnexxielhomx jilħqu l-wegħdiet li għamlu sabiex ikun miġġieled it-tibdil fil-klima. Dawn sejħu lill-pajjiżi fqar sabiex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom, iżda ma għenux finanzjarjament biex dawn jittrattaw l-effetti ta' din il-kriżi jew biex jużaw inqas faħam.*

*It-tibdil fil-klima li qed ikun ikkawżat mill-pajjiżi żviluppati, u li issa qed imur dejjem iżjed għall-agħar, qed jhedded il-ħajja ta' miljuni ta' persuni foqra fid-dinja. Huwa stmat li huma meħtieġa madwar €40 biljun fis-sena biex il-pajjiżi sotto-żviluppati jkunu jistgħu jadattaw ruħhom għall-impatt tat-tisħin globali – bis-sehem tal-UE ikun ta' madwar €12-il biljun. Din hija parti żgħira biss mit-$3.3 triljun li l-UE u l-Istati Uniti intrabtu flimkien biex isalvaw lill-istituzzjonijiet finanzjarji fl-2008.*

*Katia Maia, il-Kap tal-Uffiċċju ta' Oxfam International fil-Brażil, qalet:*

*"Ir-riċerka xjentifika turi li l-kriżi klimatika qed issir ferm aktar urġenti minn qabel, iżda l-UE mhix tagħmel sforz biżżejjed biex tindirizzaha. L-Ewropa hija waħda mill-ikbar partijiet tad-dinja li qed tikkawża t-tniġġiż, iżda ftit li xejn qed tgħin lill-pajjiżi sotto-żviluppati biex jilqgħu għall-impatti ta' din il-kriżi li ħolqot hija stess."*

*L-iskuża li wieħed jistenna lill-Istati Uniti biex tagħmel l-ewwel pass ħalli tgħin finanzjarjament f'din il-kriżi hija żbaljata. Kif saħaq il-Kummissarji tal-UE Dimas, "jekk l-UE ma toffrix għajnuna finanzjarja ta' veru, ma jistax ikun hemm ftehim globali. U, jekk ma jkunx hemm impenn ċar mill-UE, ftit li xejn jista' jkun hemm pressjoni minn barra biex l-Istati Uniti tagħmel ukoll il-parti tagħha – kif inhu xieraq."*

Adattat minn artiklu ppubblikat fuq il-websajt ta' Oxfam (2009)

**Mistoqsijiet**

1. X'tifhem bil-frażijiet "ftehim globali", "tibdil fil-klima" u "istituzzjonijiet finanzjarji"? (2,2,2)
2. Semmi u ddeskrivi **ŻEWĠ** kawżi li qed iwasslu għat-tisħin globali. (2,2)
3. Fit-tieni paragrafu tas-silta l-awtur jgħid li *t-tibdil fil-klima li qed ikun ikkawżat mill-pajjiżi żviluppati ... qed jhedded il-ħajja ta' miljuni ta' persuni foqra fid-dinja.* Agħti u spjega **ŻEWĠ** eżempji kif l-iktar pajjiżi sotto-żviluppati tad-dinja qed jintlaqtu b'dawn il-problemi ambjentali. (2,2)
4. Għaliex skont is-silta t'hawn fuq l-UE u l-Istati Uniti huma responsabbli għat-tisħin globali? (5)
5. Agħti u spjega **TLIET** eżempji ta' x'għandhom jagħmlu l-pajjiżi żviluppati biex itejbu l-problemi ambjentali tad-dinja li qed imorru dejjem iżjed għall-agħar. (2,2,2)
6. Permezz ta' **TLIET** eżempji, spjega kif Malta qed taħdem biex tnaqqas it-tniġġiż minn pajjiżna. (2,2,2)
7. Semmi u spjega fid-dettal **ŻEWĠ** eżempji ta' effetti li t-tisħin globali qed jikkawża fuq l-ambjent. (2,2)

**TOTAL: 35 marka**

**Taqsima Ċ**

**Agħżel WIEĦED mit-temi li ġejjin u ikteb komponiment dwaru f'madwar 250-300 kelma**:

1. Iddiskuti uħud mill-bidliet soċjali ewlenin li seħħew f'Malta minn mindu din saret Stat Membru tal-Unjoni Ewropea fl-2004.
2. Agħti u ddeskrivi **ERBA'** eżempji ta' servizzi soċjali f'Malta u ddiskuti kif, flimkien, dawn is-servizzi jgħinu biex tinħoloq sistema ta' għajnuna soċjali (*welfare*) aktar ġusta.
3. Iddeskrivi t-**TLIET** setturi ekonomiċi tal-ekonomija ta' pajjiż. Fil-komponiment tiegħek iddiskuti kif kull wieħed minn dawn is-setturi jgħinu fl-iżvilupp ekonomiku tal-Gżejjer Maltin.
4. X'tifhem bil-frażi "imġiba devjanti"? Spjega x'inhi d-differenza bejn "imġiba devjanti" u "imġiba delinkwenti". Agħti **ŻEWĠ** eżempji ta' imġiba li fl-imgħoddi kienet meqjusa bħala devjanti u l-lum saret tifforma parti mill-kultura Maltija.

**TOTAL: 30 marka**

**TOTAL: 100 marka**